MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 96/2011

**Rita Gauci, Carmela Formosa li qed tidher f'isimha proprju u f'isem huha l-imsiefer Felix Formosa, Carmela Micallef f'isimha proprju u f'isem hutha Gregory Formosa u Michael Angelo Formosa, George Formosa, Nutar Dottor Paul George Pisani, Joseph Formosa, Gregory Formosa, Martin Formosa, Raymond Formosa, Maria Cassar, Carmen Mercieca, Georgina Spiteri, Marianna Formosa f'isimha proprju u f'isem bintha l-imsiefra Salvina Spiteri, Josette Sammut, Salvina Formosa, Michael Formosa, Ganni Formosa, Grace Zerafa li qed tidher f'isem l-imsiefra Gregory Buhagiar, Anita Buhagiar, Charles Buhagiar, Mary Udovicic, Vincent Buhagiar u Janet Buhagiar, Joseph Buhagiar, Mary Grech, Nicholas Vella li qed jidher f'ismu proprju u f'isem ohtu l-imsiefra Sister Carmen Vella, Emanuel Vella, Vincent Vella, Nikolina Azzopardi, Filomena Camenzuli, Joseph Vella, Gregory Formosa, Mary Grima, Victor Formosa, Francis Xavier Formosa, Emanuel Formosa, Nicholas Formosa, Joseph Formosa, Michael Formosa, Grazia**

**Formosa u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 2012 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Gregory u Michael ahwa Formosa stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza, Doreen Masini, Nicholas Formosa, Mary sive Maria Antonia Musact, Josephine Vella, Pauline Formosa, Rita Calleja li qed tidher f'isimha proprju u f'isem l-imsiefra Gregoria Haber, Joe Grech u Lina sive Michelina Borg, Mary sive Miriam Borg, Saverio Grech, Roderick Borg, Frank Formosa f'ismu proprju u f'isem ohtu Miriam Galea, George Cefai f'isem l-imsiefra Carmen Cefai u Gregory Formosa, Doris Formosa f'isimha proprju u f'isem Antoinette Cefai, Alexandra Cini u Rita Mercieca, Maria Formosa, Mary Grace sive Grace Grech, Rose Azzopardi, Josephine Gauci**

**-vs-**

**Gregory Formosa, Avukat Dottor Joseph Grech li b'digriet tas-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) gie nominat biex jidher ghall-imsiefra Karmenu Formosa, Josephine sive Joyce Gauci, Tony Formosa, Marthese Borg u Patrick Formosa**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi Francesco Formosa, bin il-mejtin Michelangelo u Carmela nee' Buhagiar, imwieled u residenti Kercem, Ghawdex miet f'Victoria, Ghawdex fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u dank if jidher mic-certifikat tal-mewt li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok A.

2. Illi l-istess Francesco Formosa miet improle u intestat (Dok B u Dok C) u ghalhekk is-successjoni tieghu ddevolviet fuq it-tnejn u tletin (32) neputi tieghu, (li huma wlied hutu li lkoll mietu qabel id-decuius Francesco Formosa, bl-ismijiet ta' Maria mart Vincent Buhagiar, Giuseppe Formosa, Anthony Formosa, Giorgio Formosa, Salvu Formosa u Nicola Formosa).

3. Illi dawn it-tnejn u tletin (32) neputi huma (a) ulied hu Francesco, Anthony Formosa li huma (i) Gusepp Formosa, (ii) Rita Gauci, (iii) Carmela Formosa, (iv) Felix Formosa; (b) ulied hu Francesco, Giorgio Formosa li huma (i) ulied il-mejjet Emanuel Formosa ossija Frank Formosa u Miriam Galea; (ii) Giuseppe Formosa; (iii) Carmela Micallef; (iv) Gregory Formosa; (v) Michelangelo Formosa; (vi) George Formosa u (vii) Mary Rose Pisani; (c) ulied hu Francesco, Giuseppe Formosa li huma (i) Gregory Formosa; (ii) Michael'Angelo Formosa; (iii) Francis Formosa; (iv) Dolores Formosa u (v) Carmela Formosa; (d) ulied oht Francesco, Maria Buhagiar li huma (i) Gregory Buhagiar; (ii) Guzepp Buhagiar; (iii) Carmela Buhagiar; u (iv) ulied il-mejta Mary Anne Vella (li mietet qabel Francesco Formosa ossija fit-22 ta' Frar 1989) li huma Mary Grech, Nicholas Vella, Sister Carmen Vella, Emanuel Vella, Vincent Vella, Nikolina mart John Azzopardi, Filomena mart Laurence Camenzuli, u Joseph Vella; (e) ulied hu Francesco, Nicola Formosa li huma (i) ulied il-mejjet Giorgio Formosa (li miet qabel farncesco Formosa ossija fid-29 ta' Awwissu 1996) li huma Gregory Formosa, Mary Grima, Victor Formosa, Francis Xavier Formosa, Emanuel Formosa, Nicholas Formosa, Joseph Formosa u Michael Formosa; (ii) Grazia Formosa; (iii) Paola Grech; (iv) Maria Formosa; (v) Francesco Saverio Formosa; (vi) Joseph Formosa; (vii) Maria Antonia Formosa; (vii) Rita Formosa u (ix) Gregoria Haber; u (f) ulied hu Francesco, Salvu Formosa li huma l-konvenut Gregory Formosa, Michael'Angelo Formosa u Carmelo Formosa.

4. Illi fis-sebgha (7) ta' Jannar tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) miet intestate l-imsemmi Giuseppe Formosa bin il-mejjet Giorgio Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok C1, Dok C2 u Dok C3) u dan wirtuh skond il-ligi hutu George, Carmela, Gregory, Michael'Angelo, Mary Rose u z-zewgt ulied ta' huh il-mejjet Emanuel, li huma l-konvenuti Frank Formosa u Miriam Galea.

5. Illi fis-sitta (6) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) mietet Maria Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok D). Hija mietet minghajr ulied u minghajr testment (Dok E u Dok F) u l-eredita' atghha ghaddiet a favur ta' hutha Grezzja, Rita, Maria Antonia, Guzepp, Gorg, Francesco Saverio, Gregoria u Paola.

6. Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tal-elfejn u wiehed (2001) miet fl-esteru (Dok G) u minghajr testment fil-Gzejjer Maltin (Dok H u Dok I) Gregory Buhagiar, bin il-mejta Maria Buhagiar (oht Francesco Formosa) u l-eredita' tieghu ghaddiet a favur uliedu l-esponenti Vincent, Janet, Mary, Gregory William, Charles Peter u Anita, hekk kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu ppubblikat min-Nutar Dottor Mariosa Grech fl-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok J).

7. Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) miet Michael'Angelo Formosa (Dok K), bin il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa), li rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech fis-sitta (6) ta' Jannar tal-elfejn (2000) fejn innomina lil uliedu l-esponenti Joseph, Martin, Raymond, Maria Cassar, Salvina Spiteri, Carmen Mercieca u Georgina Spiteri bhala werrieta universali tieghu Mary Ann Formosa nee' Spiteri (Dok. L, Dok M u Dok N). Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu saret b'att ippubblikat minn Nutar Dottor Mariosa Grech fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u wahda (2001) (Dok O).

8. Illi fl-erbgha (4) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) mietet Paola mart Saverio Grech u bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok P). Hija rregolat is-successjoni taghha b'testment unica charta ppubblikat min-Nutar Dottor Paul George Pisani fid-dsatax (19) ta' Awwissu tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) (Dok Q, Dok R u Dok S) li permezz tieghu nnominat bhala werrieta universal ital-beni taghha lil erba' wliedha Michelina sive

Lina mart Mario Borg, Joseph, Maria sive Miriam mart Joseph Borg u Rita mart Michael Calleja kif ukoll halliet lil zewgha Saverio Grech bhala uzufruttwarju.

9. Illi fit-tlettax (13) t'Ottubru tal-elfejn u tlieta (2003), miet Francesco Saverio Formosa, bin il-mejjet Nicola Formosa (Dok T). Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat il-hamsa (5) ta' Settembru elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) li permezz tieghu nnomina bhala werrieta universali tal-beni tieghu lit-tlett uliedu Nicholas, Mary sive Maria Antonia Muscat u Josephine Vella filwaqt li halla bhala uzufruttwarja tal-beni tieghu lil martu Pauline Formosa (Dok U, Dok V u Dok W). Id-dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis tal-beni tieghu saret b'att ippubblikat min-Nutar Dottor Mariosa Grech fis-sitta (6) t'April tal-elfejn u erbgha (2004) (Dok W1).

10. Illi fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) mietet Carmela Formosa, bint il-mejjet Giuseppe Formosa (Dok W2). Din irregolat is-successjoni taghha permezz ta' testment fla-tti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani datat hdax (11) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995) li permezz tieghu nnominat bhala eredi universal ital-beni taghha kollha lill-ghaxar (10) neputijiet taghha, ossija l-esponenti Joseph Formosa, Maria mart Michael Cassar, Raymond Formosa, Salvina mart Michaelangelo Spiteri, Martin Formosa, Georgia mart Gorg Spiteri, Carmen mart Giovanni Mercieca, Michael Sammut, John Sammut u Josephine mart Lucio Sammut filwaqt li halliet bhala uzufruttwarju lil huh Gregory Formosa u lil Dolores Formosa (illum mejta) (Dok W3, Dok W4 u Dok W5).

11. Illi fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), mietet Mary Rose Pisani, bint il-mejjet Giorgio Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok X). Hija rregolat is-successjoni taghha b'testment ippubblikat min-Nutar Dottor Michael Refalo fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) li permezz tieghu nnominat bhala werriet universal ital-beni taghha

lin-Nutar Dottor Paul George Pisani (Dok X1, Dok X2 u Dok X3).

12. Illi fid-disgha (9) ta’ Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), miet Joseph Formosa, bin il-mejjet Nicola Formosa (Dok Y). Huwa rregola s-successjoni tieghu b’testment unica charta fl-atti tan-nutar Dottor Silvio Hili datat l-ghaxra (10) ta’ Gunju tal-elfejn (2000) fejn innomina bhala l-unika werrieta universali tal-beni tieghu lil bintu Doreen mart Ian John Masini (Dok Y1, Dok Y2 u Dok Y3).

13. Illi fis-sbatax (17) ta’ Novembru tal-elfejn u sitta (2006) mietet Maria Antonia Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok Z), li rregolat is-successjoni taghha permezz ta’ testment ippubblikat minn Nutar Dottor Paul George Pisani fid-disgha (9) ta’ Jannar tal-elfejn u wiehed (2001) fejn innominat bhala uniku eredi universal ital-beni taghha kollha lil Roderick Borg (Dok Z1, Dok Z2 u DokZ3).

14. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) miet intestate Francesco Formosa, bin il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok AA) u l-eredita’ tieghu ddevolviet in kwantu ghal nofs indiviz (1/2) fuq l-armla tieghu Salvina Formosa u n-nofs indiviz (1/2) l-iehor fuq it-tlett uliedu Josette Sammut, Michael Formosa u Ganni Formosa (Dok AA1 u Dok AA2).

15. Illi fl-erbgha (4) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) mietet Rita Formosa, bint il-mejjet Nicola Formosa (Dok BB) u s-successjoni taghha ddevolviet fuq l-esponenti Gregory Formosa u Michael Formosa, ulied huha George ai termini tat-testment ippubblikat min-Nutar Dottor Josianne Mifsud datat l-ghaxra (10) ta’ April tas-sena elfejn u sebgha (2007) (Dok BB1, Dok BB2 Dok BB3).

16. Illi fl-ewwel (1) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) mietet Dolores Formosa, bint il-mejjet Giuseppe Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok CC). Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta’

testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) li permezz tieghu nnominat bhala uniku werriet universal ital-beni taghha kollha lil huha Gregory Formosa (Dok CC1, Dok CC2 u Dok CC3).

17. Illi fil-hmistax (15) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) mietet Carmela Buhagiar, xebba bint il-mejta Maria Buhagiar nee’ Formosa (li tigi oht Francesco Formosa) (Dok DD). Hija rregolat is-successjoni taghha permezz ta’ zewg testmenti li saru fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo datati erbatax (14) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija seba’ u tmenin (1987) u dak ta’ l-ghaxra (10) ta’ April tas-sena elfejn u wiehed (2001) li permezz taghhom innominat bhala unika werrieta universal ital-beni taghha kollha lin-neputija taghha Maria, Bint Luigi u ohtha Marianna nee’ Buhagiar (Dok DD1, Dok DD2, Dok DD3 u Dok DD4).

18. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) miet Giuseppe Formosa, bin il-mejjet Anthony Formosa (li jigi hu Francesco Formosa) (Dok EE). Huwa rregola s-successjoni tieghu permezz ta’ testment li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Mariosa Grech datat sitta u ghoxrin (26) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz tieghu nnomina bhala werrieta universal ital-beni tieghu uliedu kollha li huma Gregory, Rita mart Mario Mercieca, Doris, Carmela mart Francis Cefai, Grace mart Anthony Grech, Antoinette mart Michael Cefai, Rose mart John Azzopardi, Alexandra mart Francis Cini u Josianne mart Eddie Gauci filwaqt li halla lil martu Maria Formosa bhala uzufruttwarja tal-beni kollha tieghu (Dok EE1, Dok EE2 u Dok EE3).

19. Illi konsegwenti ghall-mewt ta’ Francesco Formosa, il-kontendenti jew l-awturi taghhom lahqu ftehim dwar wahda mill-beni formanti parti mill-assi ereditarji ta’ Francesco Formosa, billi l-atturi u uhud mill-konvenuti bieghu s-sehem spettanti lilhom mill-istess proprjeta’ lill-iben il-konvenut Gregory Formosa u martu. Izda issa l-konvenuti mhumiex jaqblu dwar il-mod kif ghandhom

jinqasmu l-bqija tal-effetti ereditarji ta' Francesco Formosa.

20. Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti rigward l-assi ereditarji ta' Francesco Formosa u jridu ghalhekk li jigu maqsuma bejniethom l-eredita' fuq imsemmija.

21. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, uhud mill-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaddivjenu ghall-qasma bonarja, filwaqt li ohrajn minnhom baqghu ma wegbux ghall-istess interpellazzjonijiet.

L-atturi ghalhekk talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:
(i) Tillikwida l-assi ereditarji ta' Francesco Formosa u tiddikjara li dawn jikkonsistu b'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(ii) Tiddividi dawn l-istess beni kollha bejn il-kontendenti skont is-sehem rispettiv taghhom devolut fuqhom ai termini tal-ligi u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;

(iii) Tahtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-aopportun att ta' divzijoni ta' l-assi erediraji hekk rizultanti bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(iv) Fin-nuqqas, f'kaz illi jirrizulta illi l-beni m'humiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-licitazzjoni ta' l-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fi kwoti lilhom spettanti kif fuq inghad.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali spediti f'April 2010 u fi Frar 2011 kontra taghhom u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

L-intimati huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Illi l-konvenut Gregory Formosa eccepixxa :

1. Illi l-eccipjenti m'ghandu ebda oggezzjoni ghad-divizjoni basta li ssir l-cerifikazzjoni tal-kwoti u l-konsistenza tal-assi. Infatti l-eccipjenti jippretendi li r-raba' ta' 'Ghar Gherduf' sive 'tal-Legx' fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex ma tifformax parti mill-eredita' tal-mejjet Francesco Formosa u ghalhekk m'ghandhiex tigi inkluza fid-divizjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Permezz ta' risposta guramentata ulterjuri Gregory Formosa eccepixxa:

Illi r-raba' 'tal-Leqx' fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex huwa proprjeta' assoluta tieghu, peress illi giet akkwistata minnu b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva.

Illi l-Avukat Dottor Joseph Grech nomine eccepixxa hekk:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu 2011 sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Karmenu Formosa, Josephine sive Joyce Gauci, Tony Formosa, Marthese Borg u Patrick Formosa;

2. Illi l-esponenti ghadu m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz;

3. Illi madankollu l-esponenti qieghed minn issa li jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenut Gregory Formosa.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Illi din il-kawza tirrigwarda l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Francesco Formosa bejn il-kondividendenti kollha

li ghaliha l-konvenut Gregory Formosa m'oggezzjonax purche' jsiru l-verifikazzjoni tal-kwoti rispettivi u tal-konsistenza tal-assi.

Biss pero' l-konvenut eccepixxa li r-raba' tal-'Laqx' limiti ta' Kercem, Ghawdex m'ghandhiex tidhol fl-assi ereditarji in divizjoni peress li jsostnu li din ir-raba' giet akkwistata minnu permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva.

Din is-sentenza proprju titratta l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenut Gregory Formosa li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

*"Illi r-raba' 'tal-Leqx' fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex huwa proprjeta' assoluta tieghu, peress illi giet akkwistata minnu b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva".*

Fl-ewwel lok, irid jigi rilevat li l-konvenut ghalkemm eccepixxa l-preskrizzjoni akkwizittiva fir-risposta guramentata ulterjuri naqas li jindika l-artikolu *ad hoc.* Kif inhu maghruf il-qorti ma tistax tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tkunx giet sollevata mill-parti[1]. Hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Stellini et vs Stellini et[2]:**

*"Dan ".. jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi ex officio ghan-nuqqas tal-parti (Vo. XXXVII P II p 630; Vol.XLI P I p 178) u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII P I p 481; "Joseph Grech -vs- Emmanuele Camilleri et", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977)"[3]; gie wkoll ritenut li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid issir permezz ta' eccezzjoni formali u mhux mod iehor[4]. Inoltre, peress li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura perentorja, din tista' tigi sollevat fi kwalunkwe*

---

[1] Artikolu 2111 tal-Kodici Civili

[2] App Civili: 74/1990 deciz fil-31 ta' Mejju, 2013

[3] PA. Donald Manche' noe vs Joseph Said 28 May 2003

[4] App. Inf. Gayle Scerri vs Eric Borg – 20 Ottubru 2003.

*stadju tal-kawza, anke fl-istadju ta' appell[5].*

*26. Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li fil-mertu jirrizulta li l-appellati ressqu eccezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod formali. Inoltre, ghalkemm din inizjalment kienet monka ghax ma kienx gie ndikat l-artikolu tal-ligi li fuqu kienet qed tigi bazata, dan in-nuqqas gie sussegwentement sanat bil-prezentata tan-nota tal-appellati fejn gie indikat l-artikolu tal-ligi li ghalih kienet tirreferi l-preskrizzjoni sollevata minnhom. Ukoll, ghalkemm huwa minnu li din in-nota giet prezentata fi stadju avvanzat tal-procedura, izda l-prezentata saret qabel l-ghoti tas-sentenza, u ghalhekk certament mhux il-kaz li l-ewwel Qorti issupplixxiet ex officio ghal xi nuqqas tal-appellati."*

Fil-kaz odjern, il-konvenut semma li huwa qieghed jinvoka l-preskrizzjoni trigenarja minghajr ma kkwota l-artikolu. Madankollu huwa ovvju ghal liema artikolu qeghda ssir referenza peress li artikolu wiehed hemm. Tant huwa hekk li l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom dan il-punt ma ssemmix anzi prezentaw l-argumenti taghhom b'mod estensiv u dettaljat. Kwindi ladarba l-atturi ma sofrew l-ebda pregudizzju din il-qorti xorta wahda se tikkunsidra din l-eccezzjoni.

Illi fin-nota taghhom tat-23 ta' Jananr 2012, l-atturi elenkaw il-beni li skonthom jappartjenu lil Francesco Formosa. Fost dawn il-beni tnizzlu:

- Porzjon art imsejha 'Tal-Laqx' fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex tal-kejl ta' circa 127.4 m.k.
- Porzjon art imsejha 'Tal-Laqx' fil-limiti ta' Kercem, Gahwdex tal-kejl ta' circa 292.2 m.k.

Jirrizulta li originarjament lil Francesco Formosa kienet messitu bicca raba' msejha 'Tal-Laqx' fil-limiti ta' Kercem ta' kejl superficjali ta' circa siegh u nofs u bicca ohra ftit il-boghod minnha li fiha madwar nofs siegh. Dan sehh permezz ta' kuntratt ta' divizjoni li gie ppubblikat bejn l-

[5] Artiklu 732(1) tal-Kap 12

ahwa Formosa tal-wirt tal-ġenituri tagħhom Michelangelo u Carmela née Buhagiar tat-30 ta' Settembru, 1959 fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil.

Fuq dan l-att Salvatore Formosa (missier il-konvenut Gregory Formosa) apparti f'ismu proprju deher ukoll bhala kuratur tal-interdett Francesco Formosa. Lil Francesco Formosa kienet giet assenjata s-sitt porzjon.

Illi b'referenza ghall-eccezzjoni in dizamina ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Apap Bologna Sciberras D'Amico Inguanez vs Sammut Emanuel**[6] inghad li l-pussess ta' tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, u b'hekk irid ikun hemm pussess materjali fis-sens li jkun hemm il-poter ta' fatt fuq
il-haga u dak intenzjonali, cjoe' l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprejatarju taghha - *"animus et corpus; corpis possessionis, et animus possidendi vel dominus domini"* b'dan li mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja.

Illi f'dan il-kuntest il-konvenut Gregory Formosa qieghed jinvoka l-preskrizzjoni trigenarja, liema preskrizzjoni akkwisittiva la tirrikjedi titolu u lanqas buona fede, izda tirrikjedi biss pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u dan ghal zmien tletin sena[7]. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nutar Philip Saliba et vs Carmel Vella et**[8] inghad li l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali hija *"preskrizzjoni din la tirrikjedi l- 'giusto titolu' u lanqas il-'buona fede' u dana in kwantu ghall-ewwel rekwizit jigi sostitwit proprju z-zmien u ghat-tieni tissuplixxi l-presunzjoni tal-ligi (Vol.XXIX.ii.488). Din il-preskrizzjoni*

[6] Cit Nru: 745/1989PS deciza fit-28 ta' Marzu, 2003

[7] **Borg vs Farrugia nomine et,** Appell Civili deciz fil-15 ta' Marzu 1957, Vol XLI.i.168; u **Chetcuti et vs Xerri,** Appell Civili deciz fil-31 ta' Mejju, 1996.

[8] Prim'Awla RCP deciza fl-10 ta' Gunju, 2006

*hija fondata fuq il-"pussess u dan il-pussess ghandu certu karattri. Irid ikun, cioe' kontinwu, pacifiku, fis-sens li ma jidhirx li kien originat minn attijiet ta' vjolenza, u lanqas klandestin; irid ikun univoku u 'animo domini' (P.A. Fench et cs Debono, 14.5.1935. Vol. XXIX.ii.488). Fi kliem iehor, il-pussess irid ikun legitimu, fis-sens ta' dgawdija ta' jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu, jigieiferi esklussiv, u assolut u mhux bizzejjed li jkun ezercizzju bil-buona grazzja jew tolleranza (Appell "Grixti vs Ellul" 15.12.1939 Vol. XXX.i.457; P.A. Mamo vs Vella, 1.2.1951, Vol, XXXI.ii..341; Appell "Caruana et vs Vella 13.3.1953, Vol.XXXVII.i.105; "Briffa vs Sammut", P.A. 21. 5. 1953, u Appell 29.1.1954)".*

Illi l-konvenut Gregory Formosa xehed[9] li huwa jiftakar dejjem lil din ir-raba' f'idejn missieru Salvatore Formosa. Missieru miet madwar 25 sena ilu ossija fl-1987 u wara mewti l-ghalqa waqghet f'idejh. Huwa jsostni li kien ilu jahdem din ir-raba' ferm qabel il-mewt ta' missieru sa mis-snin sittin. Kien jiehu l-prodott taghha. Kien hemm zmien li kien fiha hafna weraq ta' d'indja' u imbagahd kien jaghmilha gidra. Xehed li feda c-cens ta' din l-art liema cens kien jinkorpora fih ukoll zewg bicciet raba' ohra fis-sena 2008. Infatti huwa spjega li magenb dawn il-bicctejn art in kontestazzjoni wahda gejja mill-wirt ta' missieru u l-ohra minn taz-zija tieghu Maria Antonia Formosa. Ghalhekk ghandu f'idejh madwar nofs tomna raba' 'Tal-Laqx'. Fuq parti minn din ir-raba' huwa bena d-dar tieghu fejn joqghod kif ukoll il-garaxx. Il-konvenut xehed li ilu f'din id-dar madwar 48 sena.

Illi l-konvenut xehed ukoll li ghamel zmien kien ihott il-bowser tal-ilma f'din ir-raba' u kien juzaha ghall-bzonnijiet kollha. Hadd qatt ma kellmu jew ippretenda li ghandu dritt fuqha. Kien biss wara li miet Francesco Formosa li gew biex ibieghu l-fond li minnu kellu sehem Francesco Formosa li gew biex ibieghu l-fond li minnu kellu sehem Francesco Formosa li xi whud mill-werrieta l-ohra riedu jinkludu wkoll ir-raba' 'Tal-Laqx' fid-divizjoni tal-wirt izda

[9] Fl-affidavit tieghu a fol 220 tal-process

huwa mill-ewwel oggezzjona ghax missieru u huwa kienu ilhom jokkupaw u jipposjeduwha bhala sidien taghha ghal aktar minn 30 sena.

In kontro-ezami[10] il-konvenut Gregory Formosa xehed li huwa ma tkellem ma' hadd mill-werrieta li kien qieghed jippretendi li r-raba' inkwistjoni hija tieghu u li mhux qieghed izommha bhala werriet. Huwa tkellem f'dan is-sens biss ma' wliedu. Huwa qabel ukoll li kien qal lill-werrieta l-ohra li l-ewwel tigi ssettiljata l-kwistjoni tad-dar [li Frencu kellu sehem zghir fiha u ibnu xtara kollox] imbaghad wara ssir il-qasma tar-raba' pero' huwa sostna li meta semma r-raba' qatt ma nkluda r-raba' inkwistjoni.

Il-konvenut xehed ukoll li meta Francesco Formosa kien ghadu haj din ir-raba' kien jahdimha. Huwa cahad li wara l-mewt ta' Francesco Formosa ghamel zmien abbandunaha peress li kien hawwel is-sigar 'Tal-Indja' u kienu jidhlu biex jiehdu l-weraq izda ma kienux jizirghu fiha. Mill-ahhar tlett snin qeghdin jahdmu din ir-raba'.
Illi l-atturi jsostnu li ma jistax ikun li missier il-konvenut Salvatore Formosa beda jippreskrivi favurih peress li kien jaf li r-raba' kienet ta' Francesco (Frencu) peress li fl-att tad-divizjoni kien deher f'ismu. Madankollu, ladarba qeghda tigi invokata l-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali ma tistax issir opposizzjoni ghaliha la bin-nuqqas ta titolu u lanqas bin-nuqqas ta' buona fede.

Madankollu kif fuq inghad, il-konvenut huwa ko-redi u bhala tali huwa jista' jippreskrivi kontra l-komproprjetarji l-ohra biss minn meta beda jippossjedi l-art separatament u esklussivament mill-ko-redi l-ohra.

Mill-atti rrizulta s-segwenti:

- Gregory Formosa qatt ma tkellem mal-ko-eredi l-ohra li kien qieghed jippretendi li r-raba' hija tieghu. Infatti huwa stess xehed li tkellem f'dawn it-termini biss ma' wliedu. Oltre' dan l-atturi jenfasizzaw episodju mportanti meta

[10] Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2012 a fol. 236 tal-process

kienet qeghdha ssir stima biex tinbiegh id-dar li minnha Francesco Formosa kellu sehem. Waqt li kienet qeghdha ssir l-istima tad-dar gie suggerit li l-perit jaghmel stima wkoll tar-raba' fl-inhawi (inkluz ghalhekk ir-raba' mertu ta' din is-sentenza), il-konvenut dak il-hin qal lill-werrieta li l-ewwel kellha tigi ssetiljata l-kwistjoni tad-dar u wara ssir il-qasma tar-raba'. Dak il-hin halla kollox in vag – skontu f'mohhu ma kienx qieghed jinkludi r-raba' inkwistjoni. Zgur huwa li mal-ko-eredi l-ohra dan kien il-mument opportun biex jasserixxi d-drittijiet tieghu.

- M'hemm l-ebda xatba ghal din ir-raba' u kwindi kulhadd jista' jaccedi ghal go fiha. Tant huwa hekk li in kontro-ezami xehed hekk: *'Qed nigi mistoqsi jekk nafx li hemm werrieta ohra illi jgahddu minn din ir-raba', nghid illi gieli kien hemm min dahal b'xi mutur u jiena ma kellimt lil hadd. Mistoqsi mill-qorti, meta qed nghid gieli ghadda xi hadd, qed nirreferi ghal xi hadd mill-werrieta, pero' jiena qatt ma kellimthom'.*

- Din ir-raba' m'ghandhiex hajt jifridha minn mat-triq u lanqas ghandha rixtellu.

- Gregory Formosa jippretendi li r-raba' hija tieghu peress li huwa kien jiehu hsieb Francesco Formosa u sahansitra kien ihallaslu ghall-isptar. Dan fih innifsu mhux raguni valida ghaliex semmai seta' pproceda gudizzjarjament ghal servigi rezi. Oltre' dan fil-fehma tal-qorti dan ir-ragunament imur kontra l-pretensjoni vantata mill-istess konvenut. Biex jista' jinghad li l-konvenut ippreskriva ghaf-favur tieghu naturalment it-terminu jrid jibda jiddekorri minn xi jum/zmien specifku. Hawnhekk insibu kontradizzjoni – filli l-konvenut ighid li din l-ghalqa jafha dejjem f'idejn missieru u liilu jahdimha aktar minn 60 sena u dejjem ikkunsidrawha bhala taghhom, filli jghid li jippretendi li hija tieghu ghax kien jiehu hsieb lil Frencu u kien ihallaslu ghall-isptar li jaghti x'jifhem allura li meta kienet f'idejn missieru mhux necessarjament kien hemm l-intenzjoni li qeghdin jipposjeduha bhala taghhom. Ebda zmien ma jissemma minn mindu allegatament kien ihallaslu tali spejjez.

- Din ir-raba' lanqas jirrizulta li nhadmet dejjem u dawn l-ahhar tlett snin inhadmet ghaliex l-atturi bdew jippretendu li tkun inkluza wkoll fid-divizjoni.

- B'zieda ma' dan kollu referenza ssir ghat-trasferiment *causa mortis* liema kuntratt gie ppubblikat fis-7 ta' Jannar 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Silvio Hili[11]. Il-konvenut Gregory Formosa li deher f'ismu kif ukoll f'isem diversi persuni ohra, fost ohrajn, gie dikjarat li *'l-immobbli li kien jipposjedi d-decujus jikkonsistu'* u f'dan il-kuntratt insibu proprju elenkat fil-paragrafi 6 u 7 ir-raba' li llum l-istess konvenut qieghed jeccepixxi li huma tieghu. Certament allura jirrizulta li zgur sas-7 ta' Jannar 1998 il-konvenut ma kienx qieghed iqis li dawn ir-raba' huma tieghu ghaliex altrimenti ma kienx jidher u jiddikjara proprju l-kuntrarju fl-att appena imsemmi. Kwindi, fl-ahjar ipotesi ghall-konvenut, jekk f'xi zmien verament beda jipposjedi r-raba' *de quo* bhala tieghu (ghalkemm dan ma rrizultax) zgur li kien wara din id-data ossija s-7 ta' Jannar 1998. Minn din id-data m'ghaddewx tletin sena.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni tal-konvenut Gregory Formosa, bl-ispejjez a karigu tieghu.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] Dok M a fol 269 et seq tal-process